MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 763/2002/1

**P J Sutters Company Limited**

**vs**

**Michael Debono**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Mejju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Dicembru tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Ihallas is-somma ta' elfejn, mitejn u dsatax-il Liri Maltin, (LM2219.00,0) rapprezentanti l-import ta'

hames “cheques”, (kopji taghhom hawn annessi u mmarkati bhala dokumenti ittri “A” u “B”), liema “cheques” meta gew ipprezentati sabiex jissarfu mis-socjeta’ attrici mal-Bank of Valletta plc baqghu ma gewx imsarfin minhabba li gew “referred to drawer” u liema “cheques” kienu jkopru l-import ta’ diversi fatturi mahruga mis-socjeta’ attrici lill-“M.A. Supermarkets Limited” rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ merci mibjugha mis-socjeta’ attrici lil “M.A. Supermarkets Limited”, u dan wara li l-konvenut kien accetta li jassumi dan id-dejn u jhallas personalment l-import ta’ dawn il-fatturi mahruga lil “M.A. Supermarkets Limited” sabiex l-istess socjeta’ attrici tkun f’posizzjoni li tkompli tissupplixxi prodotti tal-merca lill-istess “M.A. Supermarkets Limited” u li taghha l-konvenut kien direttur fdat bit-tmexxija tan-negozju ta’ l-istess socjeta’;

2. Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata l-14 ta’ Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi d-domanda attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-somma mitluba mhix dovuta mill-esponenti billi qatt ma sar negozju bejnu u bejn l-attur u l-esponenti qatt m’accetta xi dejn jew assuma li jkun responsabbli ghall-hlas ta’ xi dejn tal-kumpanija M.A. Supermarkets Limited;

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti nkluzi n-noti estensivi tal-partijiet;

Semghet ukoll it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi s-socjeta' attrici timporta l-ikel u tbiegh l-istess lis-"supermarkets" u hwienet kemm fuq bazi ta' hlas immedjat kif ukoll fuq bazi ta' kreditu;

2. Illi l-azzjoni odjerna qed tigi intavolata stante li s-socjeta' attrici bieghet merkanzija lis-socjeta' "M.A. Supermarkets Limited" u baqghet mhux risarcita ghall-ammont indikat fl-avviz li ta' bidu ghal din il-procedura;

3. Illi stante li jirrizulta li s-socjeta' attrici ma thallsitx mill-istess socjeta' li kienet tiggestixxi s-"supermarket" fuq indikat, din ma baqghetx tissuplixxi l-merkanzija lill-istess "supermarket";

4. Illi wara laqgha appozita bejn rapprezentanti tas-socjeta' attrici u tas-"supermarket" is-socjeta' attrici tallega li ntlahaq ftehim li permezz tieghu hi kienet ser tibqa' tissuplixxi l-merkanzija lis-"supermarket" fuq indikat u l-konvenut jidhol garanti ghall-ammont dovut mis-socjeta' gestanti s-"supermarket" de quo;

5. Illi l-imsemmi konvenut ghalhekk iffirma diversi cekkijiet personali li nhargu f'daqqa izda b'dati differenti minn xulxin, biex jippermetti lis-socjeta' attrici tkompli tissuplixxi lis-"supermarket" de quo;

6. Illi ghalkemm fil-bidu dawn ic-cekkijiet bdew jissarfu pero' sussegwentement ma ssarfux aktar u bdew jibbawnsjaw;

7. Illi ghalhekk giet intavolata l-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut isostni s-segwenti:

1. Illi huwa qatt ma ikkonkluda negozju mas-socjeta' attrici personalment;

2. Illi la qatt accetta u lanqas qatt assuma xi responsabbilita' personali ghall-hlas ta' xi dejn ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' "M.A. Supermarkets Limited";

3. Illi effettivament isostni wkoll li c-cekkijiet minnu ffirmati ghalkemm huma f'ismu pero' huma f'akkont specifiku li jappartjeni lil "Price Point" li hu hanut gestit minnu;

4. Illi ghalhekk il-konvenut kategorikament jichad li qatt assuma personalment id-dejn tas-socjeta' "M.A. Supermarkets Limited" jew li dahal garanti skond il-ligi ghall-istess socjeta';

5. Illi ghalhekk qed jopponi t-talbiet attrici;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward tas-somma reklamata mis-socjeta' attrici din ma jirrizultax li giet kontestata fil-kwantum taghha;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-artikolu 1233 (1) (c) tal-Kap 16, biex garanzija tkun valida din trid tirrizulta minn att pubbliku jew kitba privata, u dan, taht piena ta' nullita';

Illi pero' kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet Bartolo vs Vigo datata s-7 ta' Gunju ta' l-1929, (Vol. XXVII.1.817), din il-figura hi wkoll differenti mill-istituti tal-fidejussione u tan-novazjoni;

*"…l'assunzione del debito per parte di un terzo e' una figura guiridica diversa delle fidejussione, poiche', chi assume un debito si obbliga in via principale, a differenza del fidejussiore. Essa e' anche diversa dalla novazione siccome non importa necessariamente la liberazzione de debitore";*

Illi pero’ kif irriteniet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Attard & Co Limited vs MA Supermarkets Limited u Michael Debono datata l-20 ta’ Marzu tas-sena 2003:

*“…il-kuncett ta’ assunzjoni ta’ dejn ta’ haddiehor mhux mehtieg li jirrizulta minn kitba, u jista’ jigi pruvat bil-mezzi kollha li tippermetti l-ligi, pero’ tali prova trid tkun cara, certa u konkludenti…”;*

Illi biex tigi kkreata l-figura ta’ assunzjoni ta’ dejn, bhal ma qed tistieden li jsir mis-socjeta’ attrici fil-kawza odjerna biex tikkonsolida d-dritt minnha vantat, hemm bzonn dak li gie ritenut mill-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza fl-ismijiet Zammit vs Frendo Azzopardi, datata l-14 ta’ Mejju ta’ l-1943, senjatament:

*“…li l-obbligazzjoni ta’ haddiehor jaghmilha tieghu min jassumiha. Il-fatt li wiehed ihallas xi flus akkont ta’ dejn, la mhux tieghu, ma jfissirx li huwa assuma dak id-dejn”;*

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku mir-risultanzi kif fuq sintetikament riprodotti li l-konvenut ma jirrizultax li assuma personalment li jhallas id-dejn tas-socjeta’ “M.A. Supermarkets Limited” u dan hu kategorikament michud mill-istess protagonist, (ara fol 55);

Illi inoltre ic-cekkijiet iffirmati mill-istess konvenut ma jirrizultawx li huma personali izda jappartjenu ghall-akkont ta’ xi hanut iehor minnu gestit;

Ghaldaqstant din il-qorti taqta’ u tiddeciedi li filwaqt li takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenut Michael Debono, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez.**”**

Is-socjeta` attrici tikkritika din is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti bl-aggravji f’dawn it-termini:-

1. L-azzjoni taghha kienet bazata fuq dritt kambjarju u allura l-Qorti kellha tikkunsidra u tiddetermina dan l-aspett

aktar milli l-aspett ta’ l-assunzjoni tad-debitu, li hi tikkwalifikah bhala wiehed sussidjarju;

2. Anke kieku pero` l-materja kellha tigi rigwardata taht l-aspett ta’ l-assunzjoni tad-dejn il-provi juru li kien hemm l-intenzjoni cara da parte tal-konvenut li jassumi personalment l-oneru tal-hlas. Hi tissottometti illi c-cekkijiet inhargu mill-kont miftuh f’isem specifikat u dan bil-ghan li hi tkun indotta tissokta tissuplixxi merce lis-socjeta` M.A. Supermarkets Limited.

Brevement rikapitulati l-fatti tal-kaz huma hekk inkwadrati:-

1. Joseph Rapa (fol 13) direttur tas-socjeta` attrici, jghid li s-socjeta` tieghu kienet tforni merce lis-socjeta` M.A. Supermarkets Limited. Billi c-cekkijiet emessi minn din is-socjeta` ma kienux qed jissarrfu saret laqgha u gie miftiehem li l-konvenut jidhol garanti ghall-hlas dovut. Huwa jispjega illi fil-fatt gew assenjati lis-socjeta` attrici numru ta’ cekkijiet biex ikopru l-ammont li sa dakinhar kien ghadu dovut minn M.A. Supermarkets Ltd bl-intiza li l-kumpanija tieghu tkompli tissuplika bil-merce. Huwa jissokta jelabora illi whud minn dawn ic-cekkijiet baqghu wkoll ma ssarrfux, twaqqfet il-fornitura u saret l-azzjoni.

2. F’dan ix-xhud imsemmi hu korroborat mill-verzjoni moghtija minn Martin Gatt (fol 16) sales representative tas-socjeta` attrici.

3. Is-socjeta` attrici esebiet in sostenn tal-fornituri li saru sensiela ta’ invoices (fol 18 sa fol 52) raffiguranti l-isem tas-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd, qua ricevitrici tal-merce.

4. Il-konvenut (fol 55) minn naha tieghu jikkonferma l-fatt tal-laqgha pero` isostni li ma gie konkjuz l-ebda tip ta’ ftehim. Huwa jispjega illi c-cekkijiet inhargu mill-account Price Point fil-fergha tal-Bank of Valletta, Marsa peress illi account f’fergha ohra tal-istess bank kien kolpit minn diversi sekwestri. Huwa jzid jghid li l-flejjes li kienu jidhlu mill-bejgh mis-supermarket tal-kumpanija M.A.

Supermarkets Ltd kienu jidhlu fl-account tal-Marsa. Meta ma baqghux jigu depozitati flejjes fih ghax ma kienx hemm bejgh sufficcjenti mis-supermarket ic-cekkijiet baqghu ma ssarrfux. L-istess konvenut izid jenfasizza illi l-account Price Point kien kontrollat mill-accounts M.A. Supermarkets Ltd. Huwa wkoll kategorikament jichad li hu personalment assuma d-debitu ta’ din is-socjeta` jew li dahal garanti ghal hlasijiet dovuti minnha.

Posta l-kwestjoni li dwarha qed jikkontendu l-partijiet in kawza, u wara li gew konkjuzi wkoll il-provi kollha li huma hassew li kellhom jipproducu, s-socjeta` appellanti ssottomettiet bhala l-ewwel konsiderazzjoni ta’ dritt illi gjaladarba c-cheque ghandu minn natura tal-kambjali u gjaladarba, kif saput, l-azzjoni kambjarja hi meqjusa bhala azzjoni awtonoma l-eccezzjonijiet kellhom ikunu limitati u ristretti ghac-cheques innifishom u mhux jiskonfinaw fil-kamp ta’ obbligazzjonijiet ohra.

F’dan il-kuntest giet citata s-sentenza ta’ din il-Qorti fl-ismijiet “**Danny Cremona noe –vs- Nazzareno sive Ronnie Zammit et**” (**Kollezz. Vol LXXVI pII p520**) li segwiet l-osservazzjonijiet tad-dritt traccjati mill-Professr Joseph Micallef nominat bhal espert legali. In succint, l-imsemmi espert kien irritjena li in materja ta’ cheques, ghal dak li jirrigwarda stop payments fil-ligi Maltija, wiehed ghandu jhares lejn il-ligi tal-kambjalijiet peress li ma tezisti ebda disposizzjoni ‘ad hoc’ fir-rigward. Partikolarment, imbaghad, f’kaz ta’ cheque ‘to order’, kif hekk inhu l-kaz in ezami, dan ghandu jigi konsidrat bhala soggett ghal-ligi kambjarja.

Din l-istess enuncjazzjoni, abbraccjata mill-Qorti ta’ l-Appell, kolleggjalment komposta, fid-decizjoni fl-ismijiet “**Luigi Portelli et noe –vs- Dr. John C. Grech noe**”, 6 ta’ Ottubru 2000, trattasi wkoll minn kwestjoni ta’ ‘stop payment’, ssoktat tigi spjegata bil-mod infraskritt:-

“Kien dan il-karattru ta’ titolu negozjabbli tac-cheque, rikonoxxut mil-ligi, li jaghtih ezistenza awtonoma indipendenti minn negozju originali li inizzjalment ikun ipprovoka l-hrug tieghu u li, una volta jkun girat mill-

possessur tieghu, il-proprjeta` tieghu tghaddi f'idejn il-persuna li favur taghha ikun iggirah."

Dan premess, huwa bil-wisq pacifiku illi di solitu f'kawzi normali l-attur, biex jirnexxi f'talba tieghu ghall-hlas irid qabel xejn jipprova l-kawza li tintitolah jitlob il-hlas inkella, diversament, it-talba tieghu ma tistax tigi milqugha. Mhux l-istess pero` jista' jinghad f'kawzi dwar kambjali, u allura wkoll ic-cheques, ghax dawn 'per se' jifformaw il-kawza tal-obbligazzjoni. Li jfisser li fil-kambjali l-kawza hi prezunta.

Issa filwaqt li din il-Qorti ma tistax tinjora din il-presunzjoni u filwaqt ukoll li ma tistax tqieghed in disparte l-awtonomija innata tal-kambjala jew tac-cheque, fil-kaz prezenti l-provi istruttorji jiddemostraw illi l-partijiet in kawza, kompriz allura s-socjeta` attrici appellanti, flok ma llimitaw il-kontroversja ghal dan l-aspett ta' l-awtonomija tac-cheques u tar-relazzjoni bejn it-traent u t-trattarju kif emergenti minn wicc ic-cheques, ressqu l-provi fil-meritu tan-negozju originali u tal-obbligazzjonijiet naxxenti minnu u li taw lok ghall-hrug tac-cheques.

Din il-Qorti ta' revizjoni ma tistax issa tiskarta dan il-fatt u mhux sewwa allura ghall-ekonomija tal-gudizzju, l-ispeditezza tal-kawza u s-sens ta' gustizzja illi f'dan l-istadju inoltrat in sede appell tirrikorri, kif donnha qed tigi invitata mis-socjeta` appellanti, ghall-invokazzjoni ta' l-Artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc. Dippju f'dan il-kaz, kif tarah din il-Qorti, l-konvenut irnexxielu jipprova li personalment ma ghandu jaghti xejn u li c-cheques in diskussjoni ma ghandhom l-ebda sahha legali fil-konfront tieghu personalment. L-ewwel aggravju ghalhekk ma jistax jigi accettat u qed jigi respint.

Skartata s-sottomissjoni inizzjalment ventilata mis-socjeta` appellanti illi l-konvenut dahal garanti ghad-dejn tas-socjeta` M.A. Supermarkets Limited, in bazi ghall-fatt ovvju li din ma tirrizulta minn ebda kitba, kif hekk expressis jiddisponi l-Art. 1233 (1)(c) tal-Kodici Civili, s-socjeta` appellanti anke f'din is-sede tissokta tinsisti illi da

parte tal-konvenut appellat kien hemm assunzjoni tad-dejn tal-precitat kumpanija.

In tema guridiku l-assunzjoni tad-dejn jippresupponi li l-obbligazzjoni tkun giet assunta minn dak li jkun b'mod principali. Dan fis-sens ta' "constitutum debiti alieni" ossija tal-"animus solvendi debiti alieni" tad-dritt Ruman (**Kollez. Vol XLI pII p924**). Josserva l-**Baudry** ("Fideissione" para 916), "la promessa di pagare il debito altrui non e` una vera fideissione; essa costituisce una obbligazione principale che non concede il beneficio di divisione o di escussione".

Mill-analisi tal-provi din il-Qorti ma hijiex konvinta illi f'dan il-kaz tinsab raffigurata ix-xbieha guridika tal-assunzjoni tad-dejn mill-konvenut appellat. Din il-konkluzjoni qed tigi raggunta mis-segwenti riflessjonijiet tal-provi:-

i. L-account Price Point fil-fergha bankarja tal-Marsa nfetah appozitament biex iservi l-htigijiet finanzjarji tas-socjeta` M.A. Supermarkets Ltd tant li l-proventi mill-bejgh tal-merce mis-supermarket kienu jigu depozitati fih.

ii. Dan l-account kien jithaddem minn nies addetti mill-accounts tal-imsemmija kumpanija.

iii. L-appellat ghalkemm firmatarju tac-cheques qatt ma nnegozja ghalih personalment mal-kumpanija u c-cekkijiet emessi saru biex jigi saldat id-debitu l-antik tal-kumpanija gestitrici tas-supermarket, kif attestat mill-invoices.

Huwa elementari illi meta persuna tassumi li thallas id-dejn dovut mit-terz din tkun qed taghmel dan bi flejjes proprji taghha u mhux, allura, bi flejjes tad-debitur innifsu. Kif ragunat minn certi trattisti taljani, fosthom **Cian** ("Pagamento" D, 4a ed. 241s) u **Bianca** ("L'Obbligazione", 286 ss.) "l'adempimento del terzo costituerebbe atto negoziale solo quando il terzo medesimo, nell'adempiere, disponga della propria sfera giuridica. (cio` che deve escludersi, ad esempio, quando il terzo utilizzando denaro ricevuto dal debitore), rimanendo, altrimenti, un semplice atto esecutivo".

Ir-riflessjonijiet ta’ fatt u l-konsiderazzjonijiet ta’ dritt suesposti jinducu lill-Qorti biex tadopera hi wkoll l-istess konkluzjoni raggunta mill-Qorti ta’ l-ewwel grad u b’hekk tirrespingi l-aggravji tas-socjeta` appellanti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tichad l-appell u b’hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellanti.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------